MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 755/2012

**Tonio CARUANA**

**Vs**

**(1) Adrian GRECH CUMBO**
**(2) VAS RESERVE LIMITED**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-5 ta' Novembru, 2012** u li permezz taghha talab lill-intimati jhallsuh is-somma ta' elfejn mija u sebghin euro [€2,170] u dan wara li ppremetta hekk:

"L-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundannati jhallsu s-somma ta' elfejn mija u sebghin ewro (€2170) rappreżentanti s-senserija jew kumpens ghal servizzi rezi, dovuta minnhom jew minn minnhom, in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond ossija hanut uffiċjalment numerat

hdax (11) ġewwa Bisazza Street, Sliema, liema kirja ġiet konkjuza permezz tas-servizzi rezi mill-attur u liema somma l-konvenuti ghadhom ma hallsux, nonostante li gew interpellati diversi drabi.

Bl-ispejjez inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 1614/12 ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax skond il-ligi mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra ufficjali".

Ra **r-risposta tal-intimat Adrian Grech Cumbo** mressqa fit-23 ta' Novembru, 2012 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi l-konvenut mhuiex il-legittimu kuntradittur.

2. Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jiġu michuda.

Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur.";

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata Vas Reserve Limited** mressqa fit-30 ta' Novembru, 2012 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-attur ma kien hemm ebda servizzi rezi minnu.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda.

Ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjes kontra l-attur.";

Ra l-verbal tal-24 ta' Gunju, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ra l-atti;

Semgha' x-xhieda;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas, minghand l-intimati jew minn minnhom, tas-somma ta' €2107 rapprezentanti s-senserija jew kumpens ghal servizzi rezi minnu in konnessjoni mal-lokazzjoni tal-fond ossija hanut uffiċjalment numerat hdax (11) ġewwa Bisazza Street, Sliema, liema kirja ġiet konkjuza permezz tas-servizzi rezi minnu. Qal li minkejja li huwa nterpella lill-intimati sabiex ihallsuh din is-somma, huwa ghadu ma rċieva xejn. L-intimat Adrian Grech Cumbo qal li huwa ma huwiex il-legittimu kontradittur u ghaldaqstant ghandu jiġi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Qal ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jiġu michuda. Is-socjeta intimata da parti taghha qalet li kuntrarjament ghal dak li qed isostni r-rikorrenti ma kien hemm ebda servizzi rezi minnu u ghalhekk hija ghandha tiġi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. Qalet ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jiġu michuda.

Ikkunsidra;

2. Fis-seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013 giet ippreżentata kopja tal-iskrittura ta' lokazzjoni bejn Anthony Holland, Vas Reserve Limited u Adrian Grech Cumbo ghar-rigward tal-proprjeta li ġġib in-numru hdax (11), fi Triq Bisazza, Sliema. Skond ma jirrizulta minn din l-iskrittura, Anthony Holland kien qieghed jidher fil-kwalita tieghu bhala l-kerrej, Vas Reserve Limited fil-kwalita taghha ta' inkwilina filwaqt li Adrian Grech Cumbo deher bhala garanti in solidum mal-imsemmija soċjetà intimata Vas Reserve Limited. Ghas-socjeta intimata, fuq din l-iskrittura ta' lokazzjoni, deher l-intimat Adrian Grech Cumbo. Fl-istess skrittura ta' lokazzjoni, u b'referenza ghall-garanti insibu hekk:

"*20.1) The Guarantor, jointly and severally with the Lessee, hereby guarantees the obligations assumed by the Lessee in terms of this agreement, save for any obligation of a monetary nature such as the payment of rent, which will remain the sole and exclusive responsibility of the Lessee.*

*20.2) The Parties are also hereby agreeing that, in the event of termination of the letting for any reason whatsoever, the Guarantor undertake to return the Premises to the Lessor with vacant possession immediately following a written notice to this effect from the Lessor*"
(fol. 28-29).

Ikkunsidra ulterjorment;

3. **Ir-rikorrenti Tonio Caruana** xehed u qal li l-Avukat Dottor Edward Debono kien avvicinah u qallu li kien hemm hanut ġewwa Bisazza Street, Sliema li kien jinsab ghal kiri u li jekk huwa kien ikun jaf b'xi hadd allura talbu jinfurmah. Qal li l-Avukat Debono kien tah l-informazzjoni kollha li kienet tikkonċerna dan il-hanut inkluż kemm kienet qeghda tintalab kera. Zied ighid li madwar jumejn jew tlieta wara li kien iltaqa ma' l-Avukat Debono huwa kien iltaqa ma l-intimat li ilu jafu snin twal. Qal li waqt li huwa kien fil-bieb tal-hanut tieghu li jinsab f'Tower Road, Sliema, huwa kien ra lil intimat ghaddej ma persuna ohra u qasmu t-triq fid-direzzjoni tieghu. Staqsieh jekk kien jaf b'xi post ghal kera f'dawk l-akkwati u huwa wieġbu fl-affermattiv. Qal li "... *dak il-hin stess jiena mort mieghu u ma dan il-persuna li kienet qeghda takkumpanjah fejn il-post li kien qalli Dr Edward Debono bih u ndikajtlu l-fond fejn qieghed. Ghidtlu wkoll kemm*

*kienet qeghda tintalab kera, ghidtlu wkoll li l-kirja li kienu qeghdin lesti li jaghtu s-sidien kienet ghal ghaxar (10) snin*" (fol. 18). Wara li kien wera l-fond lill-intimat u lill-persuna li kienet mieghu u qalilhom bil-kundizzjonijiet, huwa nforma lill-istess intimat li kien sejjer ikellem lil Avukat Debono u dan qabbdu mas-sid Anthony Holland. Dan mar il-hanut tieghu u kien laqaghlu mal-ewwel li ma riedx ihallas senseriji. Minkejja dan, kompla qal ir-rikorrenti, huwa xorta wahda ghamel hiltu biex jaghlaq dan in-negozju kif fil-fatt ghamel. Wara li telaq sid il-kera minghandu, huwa ċempel lill-intimat u talbu jmur ghandu. Hekk ghamel l-intimat. F'din il-laqgha, kompla jghid ir-rikorrenti, infurmah li dan il-hanut li kien jinsab f'Bisazza Street kien tajjeb. Qabel ma telaq l-intimat minghandu, r-rikorrenti staqsieh kif kienu ser jibqghu fuq is-senserija. Skond ir-rikorrenti, l-intimat qallu "*issa nehodlok hsieb jiena ma minn irrid jikri dan il-fond*" (fol. 19). Wara laqqa lil sid il-fond ma l-intimat u dawn ikkonkludew in-negozju. Wara li kien gie konkluż in-negozju u ġiet iffirmata l-iskrittura ta' kera bejn sid il-kera u s-socjeta intimata, r-rikorrenti kien ċempel lill-intimat u staqsieh ghar-rigward tas-senserija. Dan qallu "*hemmhekk toqghodx tinkwieta ghar-rigward tas-senserija*" (fol. 19). Wara xi żmien huwa gie nfurmat li kien hemm problema ghar-rigward tal-hlas tas-senserija u li s-socjeta intimata ma riditx thallsu din is-senserija. Ir-rikorrenti qal li sid il-kera spiċċa hallsu s-senserija dovuta lilu skont il-ligi.

4. **L-Avukat Edward Debono** qal li r-rikorrenti kien is-sensar f'dan in-negozju. L-inkwilin tal-fond lokat kienet is-socjeta intimata u li l-intimat Adrian Grech Cumbo intrabat ghal dak li hemm indikat fl-iskrittura datata 21 ta' Mejju, 2012.

5. **Anthony Holland** xehed u qal li huwa sid il-fond 11, Bisazza Street, Sliema. Huwa qal li kien iltaqa mar-rikorrenti u kien ghamilielu cara li ma riedx ihallas senserija. Qal li però imbaghad kien ghadda lir-rikorrenti, tramite l-Avukat Edward Debono l-ammont ta' hames mitt euro (€500). Meta sar il-kuntratt, kompla jghid ix-xhud, ir-rikorrenti ma deher imkien. Fil-kontro-ezami tieghu, ix-xhud qal li huwa kien mar ghand ir-rikorrenti u kien iddiskuta mieghu kemm kien qieghed jippretendi kera u kemm kien fih kobor.

6. **L-intimat** qal li kienet ġiet persuna minn barra u li riedet tikri hanut. Qal li waqt li kien tas-Sliema, huwa kien ra lir-rikorrenti u kien staqsieh jekk kienx jaf b'xi hwienet ghal kera. Qal li r-rikorrenti kien indikalu hanut li kien jinsab f'Bisazza Street u xejn iktar. Ma semmielu xejn dwar kera jew qisien tal-fond. L-intimat qal ukoll li "*jiena ma nafx li r-rikorrenti jaghmilha ta' sensar*" (fol. 40). Qal li meta imbaghad kien iltaqa mar-rikorrenti t-tieni darba, r-rikorrenti kien semmielu l-kwistjoni tas-senserija. Kompla jghid li huwa informa lir-rikorrenti li ġaladarba huwa kien qed jippretendi s-senserija, kien ikun ahjar li jaghmel din it-talba tramite l-Avukat Debono. L-intimat qal ukoll li huwa kien staqsa lil Avukat Debono jekk ir-rikorrenti kienx haqqu xi haġa u skond hu, l-Avukat Debono qallu "*hu gabek hawn*" (fol. 40). Kien ghalhekk li l-intimat kien qal lil Avukat Debono sabiex jaghmilha cara li s-senserija dovuta kellha tithallas mis-socjeta intimata u dan peress li huwa ma kellhu x'jaqsam xejn man-negozju tant li kienet is-socjeta intimata li kienet kriet l-imsemmi fond. Kompla jghid li l-Avukat Debono kien baghat *email* lil Valeria Doychinova datata 24 ta' Frar, 2012 (dok. AGC 1 a fol. 43) fejn informa lir-rapprezentanta tas-socjeta intimata li r-rikorrenti kellhu jiġbor is-somma ta' €1,050 bhala senserija talli indika l-fond lokat lill-intimat.

L-intimat kompla jghid li r-rikorrenti lilu qatt ma laqqaw ma Anthony Hollandu fl-ebda hin ma ddiskuta dan in-negozju mieghu. Ghalhekk, ikompli jghid l-intimat, "*... jiena ma nafx ghalfejn qieghed jippretendi s-senserija minghandi r-rikorrenti*" (fol. 41). In-negozjati imbaghad dwar l-iskrittura ta' kera saret bejn l-Avukat Dottor Michael Grech ghas-socjeta VAS Reserve Limited u l-Avukat Dottor Edward Debono ghal Anthony Holland. Huwa kien qieghed ikun ikkupjat fil-korrispondenza li kienet ghaddejja bejn l-avukati permezz ta' l-*email*. Ir-rikorrenti qatt ma gie ikkupjat f'dawn l-*emails*.

Qal ukoll li huwa aċċetta li jkun "*... garanti fuq l-iskrittura basta li l-obbligi ma jkunux monetarji*" (fol. 41). Huwa esebixxa *email* datata 15 ta' Mejju, 2012 u enfasizza dak li kien kiteb l-Avukat Dottor Michael Grech u cioe "*1. The words in solidum do, in fact, mean that you are fully responsible should the company default but, as explained to you over the phone an din my supervening email, such responsibility is Limited to*

*those clauses related to the adherence of the company's obligations in terms of the agreement, save for any monetary related obligations, in which case you are entirely not responsible (see new draft article 20)*" (dok. AGC 4 a fol. 46). Ghamel referenza ukoll ghal *email* ohra datata 23 ta' Mejju, 2013 mibghuta mill-Avukat Edward Debono lilu fejn inghad li "*as to the Holland issue I have already confirmed to you that you were no guarantor and that you were appearing for and on behalf of the co. The debtor is the co and not yourself. I am a man of my word and I do not change goal posts*" (fol. 50).

L-intimat sahaq li huwa lir-rikorrenti kien kellmu bhala habib u infurmah li s-socjeta intimata ma rieditx thallas l-ebda senserija. Qal li lis-socjeta intimata kien qalilha li kien hemm persuna li kienet indikatlu il-hanut li eventwalment kien inkera mis-socjeta intimata u li huwa kien qieghed jippretendi l-hlas ta' wiehed fil-mija (1%) bhala senserija. L-intimat esebixxa *email* ohra mibghuta mill-Avukat Debono fejn inghad fiha "*This does not mean that Mr. Caruana was not entitled to receive brokerage fees from VAS Reserve Limited*" (fol. 52). Fix-xhieda moghtija minnu fis-16 ta' Jannar, 2014, l-intimat qal li meta l-Avukat Debono baghat l-email datata 10 ta' April, 2012 (fol. 58) huwa fehem li l-kwistjoni tas-senserija li kienet issemmiet fl-email tal-24 ta' Frar, 2012 (fol. 43) kienet spiċċat u dan peress li filwaqt li f'din l-ahhar email kienet issemmiet is-senserija dovuta lir-rikorrenti, fl-email tal-10 ta' April, 2012 ma regghetx issemmiet u kull ma ssemmew kienu l-kera u d-drittijiet ta' l-Avukat Debono. Lanqas meta ġiet iffirmata l-iskrittura ta' lokazzjoni ma ssemmiet xi senserija.

In kontro-ezami l-intimat qal li hu qatt ma rrikonoxxa lir-rikorrenti bhala sensar però kien ammetta li kien ir-rikorrenti li kien indikalu din il-proprjeta. Meta gie moqri dak riportat fl-*email* datata 27 ta' Frar, 2012 (fol. 51) mibghuta minnu lir-rapprezentanta tas-socjeta intimata u senjatament fejn inghad minnu "*Hi Valeria. Thanks for message. I spoke with the owner directly but the one that told me about this owner was an individual and by law he can demand a 1 per cent from both the lessor and the leese. You could probably suggest to the lawyer that the lesser should pay this as its his property. There is no agency involved as indicated from the very beginning*" (fol. 51) huwa qal li f'din l-*email*

huwa kien qieghed jirrikonoxxi lir-rikorrenti bhala sensar u li kien intitolat ghas-senserija.

B'referenza ghall-email datata 24 ta' Frar, 2012 l-intimat qal li din inkitbet mill-Avukat Debono f'ismu però kien l-Avukat Debono li kien insista mieghu li tidhol il-kwistjoni tas-senserija. Huwa ma sab l-ebda oġġezzjoni ghal dan u ghalhekk intbaghtet dik l-email kif intbaghtet. Ghalaq il-kontro-ezami tieghu billi qal li "*jiena ma kelli l-ebda oġġezzjoni li r-rikorrenti jiehu s-senserija lilu dovuta basta li huwa jehodha minghand is-socjeta ntimata*" (fol. 67).

Ikkunsidra ulterjorment;

7. F'dan il-kaz, l-intimat, li kien qieghed jidher ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta intimata fuq l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 21 ta' Mejju, 2012 irrikonoxxa li r-rikorrenti kien haqqu senserija tant li fis-seduta tat-18 ta' Marzu, 2014 huwa qal li "*jiena ma kelli l-ebda oġġezzjoni li r-rikorrenti jiehu s-senserija lilu dovuta basta li huwa jehodha minghand is-socjeta ntimata*" (fol. 67). Ghalhekk f'dan il-kaz u in vista ta' din l-ammissjoni ta' l-intimat, it-Tribunal ma ghandux ghalfejn jidhol fuq il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti issodisfax ir-rekwiziti li jissemmew fis-sentenza citata mill-intimati fit-trattazzjoni taghhom u cioe dik fl-ismijiet Legend Real Estate vs Paul Pisani deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru, 2004. Ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti ghandu dritt ghal senserija.

8. Nghaddu biex naraw il-*quantum* dovuta mehud in konsiderazzjoni tal-fatt li din hija kirja kummerċjali.

9. Skond il-ligi u l-gurisprudenza taghna naraw li d-dritt ta' senserija huwa dipendenti minn natura tal-fond. <u>Ghar-rigward ta' fond ta' residenza</u> l-materja hija regolata mis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Ordinanza li Trazzan il-Kera fuq id-Djar (Kapitolu 116) li jghid "*Is-senserija dwar il-kiri ta' dar, sew jekk bil-għamara jew mingħajr għamara, qatt ma għandha tisboq nofs il-kera ta' xahar kera tad-dar kif maqtugħ mill-Bord*[1]". <u>Ghar-rigward ta' kirjiet ohra</u>, skond ma gie deċiż fil-kawza

[1] Ara f'dan ir-rigward is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Carmelo Cricchiola vs Carmel Glenville** deċiża fit-12 ta' Awwissu, 1966;

**Giuseppe Bartolo vs Giuseppe Sammut** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Mejju, 1909[2] *"in difetto di convenzione o di un uso speciale, il diritto di mediazione nelle locazioni, anche d'immobili, dev'essere regolato all'uno per cento sulla somma totale dei fitti per tutta la durata della locazione, e cio per un motivo di analogia tratto dall'articolo 1076 dell' Ordinanza No. VII del 1868; poiche la locazione, anche trattandosi di immobili, non conferisce al conduttore che un diritto personali ossia un diritto di obbligazione; e tutte le obbligazioni sono reputate mobili per determinazione della legge (articolu 9, Ordinanza citata)*" u "*atteso che, nel caso sotto esame, tale diritto dev'essere calcolato sui fitti per l'intera durata del contratto, cioe per venti anni, e non gia pel solo termine di quattro anni di fermo, formando anche il termine di rispetto uno de ipatti, alla cui conchiusione concorse l'attore mediante l'opera sua*".

10. Issa skond ma jirrizulta mill-iskrittura ta' lokazzjoni esebita a fol. 25 et seq tal-process, il-kirja kienet ghal żmien sitt snin (ara artikolu 4 ta' l-iskrittura a fol. 26). Il-kera kienet ta' €200 ghal kull ġurnata però ghal ewwel sentejn u cioe mill-1 ta' Mejju, 2012 sat-30 ta' April, 2014 din ġiet ridotta ghal €70 kuljum, mill-1 ta' Mejju, 2014 sat-30 ta' April, 2017 din ir-rata kellha tiżdied b'ghaxra fil-mija (10%) allura €77 ghal kull ġurnata u mill-1 ta' Mejju, 2017 sa' l-ahhar tal-kirja (30 ta' April, 2018) b'ghaxra fil-mija (10%) ohra biex tiġi €84.70c ghal kull ġurnata. B'hekk it-"*totale dei fitti per tutta la durata della locazione" jiġu* €166,330.50c[3]. Wiehed fil-mija ta' din l-ahhar somma tiġi €1,663.30c. Nofs dan l-ammont jiġu €831.65c.

11. Ir-rikorrenti qieghed jitlob l-ammont ta' €2170 bhala senserija jew kumpens ghal servizzi rezi minnu in konessjoni mal-lokazzjoni tal-fond ossija hanut numerat 11, ġewwa Bisazza Street, Sliema. Ma ġiex spjeagt lit-Tribunal kif ir-rikorrenti wasal ghal din is-somma. Jista jkun li huwa kkalkula l-ammont minnu reklamat ta' €2170 ghab-bazi tal-ewwel parti

---

[2] Vol. XX/i/208

[3] Mill-1 ta' Mejju, 2012 sat-30 ta' April, 2013 u mill-1 ta' Mejju, 2013 sat-30 ta' April, 2014 hemm 730 gurnata bis-€70 kuljum jiġu €51,100. Mill-1 ta' Mejju, 2014 sat-30 ta' April, 2017 hemm 1095 gurnata bis-€77 kuljum jiġu €84,315 u mill-1 ta' Mejju, 2017 sat-30 ta' April, 2018 hemm 365 gurnata li bl-€84.70 kuljum jiġu €30,915.50. B'kollox €166,330.50c.

tat-tieni paragrafu ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni u cioe ta' €200 kuljum[4], però dan l-ammont, skond l-istess paragrafu gie ridott kif hemm spejgat. It-Tribunal ghalhekk qieghed jimxi, ghal fini ta' likwidazzjoni u kumpens fuq l-ammont hekk ridott skond l-istess paragrafu numru tnejn (2).

12. Jirrizulta minghajr ebda dubbju li s-socjeta intimata ghandha thallas l-ammont hawn fuq likwidat ta' €831.65c lir-rikorrenti. Jifdal biss x'jigi deċiż jekk l-intimat huwiex garanti ghal dan l-ammont flimkien mas-socjeta intimata lejn l-istess rikorrenti. Il-paragrafu numru 20 (1) ta' l-iskrittura jaghti s-soluzzjoni ghal dan il-kwezit. Skond l-istess paragrafu "*The Guarantor, jointly and severally with the Lessee, hereby guarantees the obligations assumed by the Lessee in terms of this agreement, save for any obligation of a monetary nature* ***such as*** *the payment of rent, which will remain the sole and exclusive responsibility of the Lessee*" (fol. 28-29) – sottolinejar u enfazi tat-Tribunal. L-abbli difensur tar-rikorrenti sahaq fit-trattazzjoni tieghu li l-obbligazzjoni tal-hlas tas-senserija mill-intimat hareg minn dan il-paragrafu anke ghaliex l-istess paragrafu jeskludi b'mod speċifiku dak li ma kienx qieghed jiggarantixxi personalment l-intimat. Ghalhekk, dak li ma huwiex eskluż huwa inkluż. F'dan il-kaz, huwa sahaq li s-senserija ma ġietx eskluża. Bid-dovut rispett però, it-Tribunal ma jaqbilx ma din l-interpretazzjoni tar-rikorrenti. L-intimat ma kienx qieghed jassumi responsabbilita ghal obbligi monetarji tal-inkwilin u cioe s-socjeta intimata. L-istess paragrafu jaghti eżempju "*such as*" il-hlas tal-kera. Il-kliem *such as* ma jistghux jiġu interpretati bhala xi haġa speċifika iżda bhala indikazzjoni ta' x'kien qieghed jiġi nkluż. Il-hlas tas-senserija hija ukoll obbligu monetarju naxxenti mill-iskrittura u konsegwentement, r-rikorrenti ma jistax, fil-fehma tat-Tribunal, jirreklama dan l-ammont minghand l-intimat personalment. Wara kollox il-kirja saret a favur tas-socjeta intimata u hija kellha l-obbligu li thallas is-senserija. L-intimat ma bbenefika xejn minn din il-kirja. Ghalhekk l-eccezzjoni tieghu f'dan ir-rigward sejra tintlaqa.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

[4] €200 kuljum ghal sitt snin jiġi €438,000. Wiehed fil-mija ta' dan l-ammont jiġi €4,380 u nofs dan l-ammont jiġi €2190.

1. Jilqa l-ewwel eċċezzjoni ta’ l-intimat Adrian Grech Cumbo u konsegwentement jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz;

3. Jilqa t-talba tar-rikorrenti fil-konfront tas-socjeta intimata limitatament fl-ammont ta’ tmien mija wiehed u tletin euro u hamsa u sittin ċenteżmi ta’ euro (€831.65c) u konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta’ tmien mija wiehed u tletin euro u hamsa u sittin ċenteżmi ta’ euro (€831.65c), bl-imghaxijiet legali jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mil-lum sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------